**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta’ April 2025**

Rikors Numru: 628/2024 AL

A B gja C

Vs

D C

(M.R. Numru 1802/2005)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat mir-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-esponenti A C gja B u D C izzewwgu nhar l-ewwel (1) ta Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Kappella tal-Mirakli Hal Lija - kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A';

2. Illi I-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat

hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal E C li twieled fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) li hu maggorenni izda jistudja fuq bazi fulltime u F C li twieled fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li ghadu minorenni;

4. Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad fi klawzola numru sitta (6) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni;

5. Illi l-minuri F C jghix u jirresjedi mal-esponenti, mentri E C li hu aggorenni jghix u jirresjedi mal-Missier;

6. Illi skont klawzola tmienja u tletin (38) tal-Att il-partijiet ftehemu li f'kaz li kull parti jkollha wiehed mill-ulied jghix u jirresjedi maghha/mieghu il-manteniment jigi kkunsidrat pacut kif inhu l-kaz prezentament. Il-manteniment ikun dovut lil parti jew lill-ohra jekk wiehed mill-ulied jibdel ir-residenza tieghu ghal ghand il-genitur l-iehor u b'hekk ma jifdalx lok ghal tpacija;

7. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u ma hemm ebda prospett ragjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk il- kriterju rikjest skont l-Artiklu 66B(b) jirrizulta sodisfatt;

8. Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad- divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi l-esponenti qeghda tannetti l-affidavit taghha - anness u mmarkat Dok. 'C';

**Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha jesponi illi qieghed jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar, 2025;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 t'April 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.